MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2003

Appell Kriminali Numru. 272/2002

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Zahra**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Zahra talli **(1)** fis-26 ta' Novembru, 1999 ghall-habta ta' l-10.30 ta' filghodu fil-Floriana volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe` fil-vettura numru GVN 039 a dannu tal-Gvern ta' Malta, liema hsara hija izjed minn hamsin lira izda anqas minn mitt lira; **(2)** talli b'hekk sar recidiv skond l-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 meta huwa gie misjub hati u kkundannat ghal reati b'diversi sentenzi tal-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) ta’ l-1 ta’ Novembru, 2002 fl-ismijiet premessi li fil-parti dispozittiva taghha tghid hekk:

***“Illi ghal dawn il-motivi ssib lill-imputat hati skond l-akkuza[1]u wara li rat Art 325, 49 u 50 tal-Kap. 9 u tikkundannah ghal sitt xhur prigunerija.”***;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-istess Joseph Zahra, minnu ppresentat fil-11 ta’ Novembru, 2002, li permezz tieghu talab ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza jew, alternattivament u minghajr pregudizzju, ir-riforma taghha kwantu ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza ta’ nhar il-Gimgha 14 ta’ Frar, 2003; ikkunsidrat:

Jibda biex jigi osservat li ghalkemm fil-parti dispozittiva tas-sentenza tissemma “akkuza” u mhux “akkuzi” – fil-fatt hemm zewg imputazzjonijiet – hu evidenti fil-fehma ta’ din il-Qorti li l-ewwel qorti kienet qed issib lill-appellant hati anke li huwa recidiv, u cioe` hati skond it-tieni imputazzjoni, galadarba ccitat espressament kemm l-Artikolu 49 kif ukoll l-Artikolu 50 tal-Kodici Kriminali.

Dan il-kaz jirrigwarda incident li sehh fis-26 ta’ Novembru, 1999 meta, skond il-prosekuzzjoni, l-appellant volontarjament ghamel hsara f’vettura tal-Gvern peress li, skond it-tezi ta’ l-istess prosekuzzjoni, din il-vettura tal-Gvern kient qed tostakola l-vettura ta’ l-appellant b’mod li dan ma setax jiccaqlaq minn fejn kien parkeggjat bil-vettura tieghu.

L-ewwel aggravju ta’ l-appellant hu fis-sens li hu kellu jigi liberat mill-ewwel imputazzjoni peress li din tirreferi ghal vettura numru **GVN 039** mentri x-xhieda kollha jirreferu ghall-vettura bhala **GVN 309**. Din il-Qorti taqbel li hemm dana l-izball fl-imputazzjoni, pero` dana ma jfissirx li l-appellant ma setax jinstab hati skond l-ewwel imputazzjoni. Huwa evidenti li dan huwa semplici *lapsus*

[1] Fis-singular, mhux “akkuzi”.

*calami* li b'ebda mod ma jbiddel in-natura tar-reat ipotizzat fl-ewwel imputazzjoni jew il-fattispeci u n-natura tal-incident *de quo* (fis-sens li jekk il-prosekuzzjoni tipprova terga' tressaq lill-appellant u takkuzah li ghamel hasara volontarja fil-vettura GVN 309, tista' facilment tigi sollevata l-eccezzjoni tan-*ne bis in idem* anke peress li fl-korp tas-sentenza r-referenza hija dejjem ghall-vettura GVN 309); inoltre, dana l-izball b'ebda mod ma seta' fixkel lill-appellant, allura imputat, fid-difiza tieghu quddiem l-ewwel qorti. Ghalhekk dana l-aggravju qed jigi respint.

It-tieni aggravju hu li ma ngabitx l-ahjar prova dwar il-hsara kagunata fil-vettura tal-Gvern. L-appellant ghandu, in parti, ragun. L-<u>istima</u> maghmula mix-xhud Paul Borg (ara d-dokument CC ezibit mix-xhud Charles Caruana) hija <u>opinjoni</u> *ex parte* u mhux ta' perit nominat mill-qorti. Fin-nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet u salv dak li jinghad fis-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 325, biex tigi determinata l-hsara ghall-finijiet ta' l-Artikolu 325(1) tal-Kodici Kriminali (moqri ma' l-Artikolu 335 ta' l-istess Kodici) din trid (i) jew tigi apprezzata direttament mill-gudikant, fis-sens li jekk il-gudikant ikun jifhem bizzejjed jista' jiddetermina huwa stess l-ammont tal-hsara billi jezamina l-oggett in kwistjoni; jew (ii) il-parti leza tghid kemm effettivament hallset biex issir it-tiswija ta' jew fi l-oggett; jew (iii) billi jitqabbad perit mill-qorti biex jaghti l-fehma tieghu dwar l-ammont tal-hsara. F'dan il-kaz ma tqabbad ebda perit. L-uniku ammont li jista' jigi minn din il-Qorti accettat bhala hsara kagunata fil-vettura huwa dak ta Lm31 <u>ghax effettivament dana l-ammont thallas mid-Dipartiment koncernat</u> biex inxtrat mera gdida minflok dik miksura (ara d-deposizzjoni ta' Paul Borg, fol. 44). Dana l-ammont ipoggi r-reat ipotizzat fil-paragrafu (c) ta' l-Artikolu 325(1) u mhux, kif indikat fl-ewwel imputazzjoni kif migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva, fil-paragrafu (b).

It-tielet aggravju hu li ma kienx hemm prova tar-recidiva. L-appellant ghandu ragun. Ghalkemm il-fedina penali tista' tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali biex ikunu jistghu jikkalibraw il-piena, <u>l-imputazzjoni tar-recidiva</u> dejjem tinnecessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni precedenti; tali prova ssir

permezz ta’ kopja legali tas-sentenza jew sentenzi precedenti kif ukoll billi jigi ppruvat a sodisfazzjoni tal-qorti – permezz ta’ xhieda jew minn ezami tal-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn ikunu jaghtu l-konnotati mehtiega tal-persuna kkundannata) jew minn ezami tal-atti tal-kawza ta’ dik is-sentenza jew ta’ dawk is-sentenzi precedenti – li dawk is-sentenzi jirreferu ghall-persuna li tkun qed tigi akkuzata bir-recidiva. Fil-kaz prezenti, tali prova hija assolutament nieqsa. Ghalhekk l-ewwel qorti b’ebda mod ma setghet issib lil Joseph Zahra hati li kien recidiv. Il-Qorti tal-Magistrati m’ghandiex tipprova taghmel tajjeb ghan-nuqqasijiet tal-Pulizija Ezekuttiva fil-mod kif din tikkonduci l-prosekuzzjonijiet taghha.

Ir-raba’ aggravju huwa, bazikament, li ma kienx hemm provi bizzejjed li jwasslu ghas-sejbien ta’ htija fuq l-ewwel imputazzjoni. Din il-Qorti, pero`, hi tal-fehma li a bazi tad-deposizzjoni ta’ Charles Caruana, u minkejja d-deposizzjoni ta’ l-imputat li cahad dak kollu li qal Caruana, l-ewwel qorti setghet legalment u ragjonevolment issib htija dwar l-ewwel imputazzjoni (salv dak li diga ntqal dwar l-ammont tal-hsara). Din il-Qorti, bhall-ewwel qorti, hi konvinta li l-hsara fil-vettura tal-Gvern GVN-309 giet kagunata mill-appellant.

L-ahhar aggravju jirrigwarda l-piena. Il-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 325 tal-Kodici Kriminali jistabilixxi piena ta’ mhux izjed minn sitt xhur prigunerija. F’dan il-kaz il-hsara saret fi proprjeta` pubblika – vettura tal-Gvern tat-tip Skoda Felicia – u ghalhekk skond it-tielet proviso tal-imsemmi subartikolu l-piena tizdied bi grad jew tnejn (ghalkemm il-minimu ma jizdiedx ghax ma hemmx minimu) b’mod li l-massimu jitla’ ghal sena prigunerija[2]. Mill-banda l-ohra, dan certament ma kienx xi kaz li jimmerita l-massimu; jidher li l-appellant ivventila l-frustrazzjoni tieghu fi vjolenza fuq il-proprjeta` ta’ haddiehor. Kif din il-Qorti fissret diversi drabi, l-uzu tal-vjolenza deliberata u gratuwita l-aktar fuq il-persuna imma anke fuq il-proprjeta` timmerita, bhala regola, piena

[2] Skond dan it-tielet proviso l-ewwel qorti kellha wkoll tikkundanna lill-hati “multa ekwivalenti ghall-hsara li tkun saret”. L-ewwel qorti dan ma ghamlitux. Fin-nuqqas ta’ appell da parti ta’ l-Avukat Generali din il-Qorti ma tistax izzid il-multa.

karcerarja b'effett immedjat. Il-fedina penali ta' l-appellant turi li huwa persuna altament refrattarja u anti-socjali, u li meta taqbzilha c-cinga tinfexx fl-ewwel haga li tigi quddiemha. Ma hemmx dubbju, ghalhekk, li f'dan il-kaz hija ndikata piena ta' prigunerija.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti sejra tiddisponi mill-appell interpost billi tirriforma s-sentenza appellata bil-mod segwenti u cioe` billi **thassar u tirrevoka s-sentenza appellata** in kwantu sabet lill-appellant hati skond l-imputazzjonijiet kollha u kkundannatu sitt xhur prigunerija, u **minflok issib lil Joseph Zahra hati biss skond l-ewwel imputazzjoni, b'dan pero` li l-ammont tal-hsara kkagunata ma kienx jiskorri l-hamsin lira izda kien izjed minn ghaxar liri**, u **tlliberah mit-tieni imputazzjoni**; u, wara li rat l-Artikolu 325(1)(c) tal-Kodici Kriminali, tikkundanna lill-istess Joseph Zahra ghall-piena ta' **xaharejn (2) prigunerija**.

--------------------------------TMIEM--------------------------------